



Kunsiderazzjonijiet għall-pajjiżi ospitanti fl-iżgur tal-kontinwità tat-tilqim kontra l-COVID-19 u t-tilqim ta' rutina kemm għall-persuni li jaslu mill-Ukrajna kif ukoll għall-popolazzjonijiet residenti, fl-indirizzar tan-nuqqasijiet fl-immunizzazzjoni, fit-tisħiħ tas-sorveljanza tal-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim u fil-prevenzjoni tat-tifqigħat

## Il-forniment ta' servizzi ta' immunizzazzjoni



- Jiġi żgurat li l-persuni li jaħarbu mill-Ukrajna jiġu inklużi fi kwalunkwe tilqima tal-massa jew f'attivitajiet ta' immunizzazzjoni ta' rutina mwettqa fil-pajjiż ospitanti kontra l-poljomjelite, il-ħosba, ir-rubella, il-COVID-19 u mard ieħor li jista' jiġi evitat bit-tilqim.
- Jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-servizzi ta' tilqim, kemm għall-individwi f'ċentri ta' akkoljenza kif ukoll għal dawk li jgħixu fi ħdan il-komunitajiet lokali, jew f'faċilitajiet tas-saħħa, f'unitajiet mobbli jew f'servizzi bbażati fil-komunità.
- Jitthajew materjali ta' informazzjoni mfassala b'mod kulturali u lingwistiku u mmirati f'lingwi xierqa biex jinformatu dwar is-servizzi tas-saħħa kollha disponibbli, inkluża l-immunizzazzjoni, u kif għandu jkun hemm aċċess għal dawk is-servizzi.
- Jintużaw strateġiji għall-involvement tal-komunità biex tittejjeb il-fiduċja, tiġi miġġielda l-informazzjoni ħażina u jissaħħaħ l-użu tas-servizzi disponibbli.
- Jiġi żgurat li l-persuni jkollhom aċċess għal kwalunkwe sistema (online) ddedikata disponibbli ta' reġistrazzjoni għat-tilqim, inkluża l-informazzjoni meħtieġa (fil-lingwi rilevanti) u l-appoġġ biex jinnavigaw tali servizzi.
- Jiġi vvalutat l-istatus tat-tilqim bl-użu tad-dokumentazzjoni disponibbli (fuq karta u/jew elettronikament).
- Jiġu rreġistrati d-dożi amministrati u d-dokumentazzjoni ssir disponibbli għall-individwi mlaqqmin għal referenza ulterjuri (fuq karta u/jew elettronikament).

## It-tilqim kontra l-COVID-19



- Jiġu offruti serje ta' tilqim primarju kontra l-COVID-19 u doża booster skont l-iskeda u l-kriterji ta' eliġibbiltà ddefiniti fil-politiki ta' tilqim kontra l-COVID-19 fil-pajjiżi ospitanti. Jiġu prijoritizzati l-anzjani, in-nisa tqal, l-individwi immunokompromessi u dawk b'kundizzjonijiet sottostanti f'riskju ogħla ta' mard serju.
- Jiġu skrinjati għal dokumentazzjoni dwar l-istatus tat-tilqim kontra l-COVID-19 kull meta jkun disponibbli:
  - individwi eliġibbli mingħajr tilqim preċedenti kontra l-COVID-19 jew mingħajr tilqim dokumentat għandhom jiġu offruti serje ta' tilqim primarju u doża booster;
  - individwi eliġibbli b'tilqim primarju mhux komplut dokumentat kontra l-COVID-19 għandhom ilestu s-serje primarja tagħhom segwita minn doża booster;
  - individwi eliġibbli b'tilqim primarju komplut dokumentat kontra l-COVID-19 għandhom jirċievu doża booster.
- Jiġi żgurat li l-ħaddiema tal-ewwel linja (il-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, il-voluntiera, eċċ.) jirċievu serje primarja ta' tilqim kontra l-COVID-19 u doża booster, jekk ma jkunux diġà tlaqqmu kompletament.

## Tilqim ta' rutina

It-tilqim kontra l-poljomjelite, il-ħosba u r-rubella għandu jkun prijoritizzat għat-trabi u t-tfal, speċjalment dawk taħt is-sitt snin, li jkunu tilfu kwalunkwe tilqima ta' rutina jew jekk ma tkun disponibbli l-ebda dokumentazzjoni ta' tilqim preċedenti, f'konformità mal-iskedi nazzjonali ta' immunizzazzjoni tal-pajjiż ospitanti.

## Sorveljanza mtejba u prevenzjoni tat-tifqigħat



- Tittejjeb is-sorveljanza fil-pajjiż kollu għall-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim, speċjalment il-ħosba, ir-rubella u l-poljovirus:
  - jiwettqu ftitxijiet attivi għal każijiet ta' paraliżi flaċida akuta (AFP) mhux irrapportati;
  - jiġu rieżaminati u mtejba s-sorveljanza supplimentari tal-poljomjelite, b'mod partikolari s-sorveljanza ambjentali, jekk ikun meħtieġ;
  - jissaħħu s-sorveljanza sindromika għall-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim (eż. is-sorveljanza tad-deni-raxx) u l-investigazzjoni tal-każijiet, speċjalment fiċ-ċentri ta' akkoljenza;
  - tiżied s-sensibilizzazzjoni fost il-professionisti tas-saħħa li jipprovdur kura lil persuni li jaħarbu mill-Ukrajna biex jiġi żgurat li l-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim ikun identifikat kif xieraq.
- Jiġu rieżaminati u aġġornati l-pjanijiet nazzjonali ta' tħejjija għat-tifqigħat tal-ħosba u tal-poljomjelite.
- Jiġu rieżaminati l-kopertura tal-immunizzazzjoni fil-livelli subnazzjonali u fost il-gruppi b'riskju għoli u jittieħdu miżuri għat-titjib tal-kopertura fejn meħtieġ.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet ikunu kkonsolidati mill-kunsiderazzjonijiet operazzjonali tas-saħħa pubblika tal-ECDC għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard infettiv fil-kuntest tal-aggressjoni tar-Russja fil-konfront tal-Ukrajna u l-Gwida tal-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa għall-pajjiżi ospitanti fil-kuntest tal-moviment tal-popolazzjoni tal-massa mill-Ukrajna.

Dawn id-dokumenti ta' gwida se jiġu rieżaminati, u riveduti kif meħtieġ, hekk kif tiżviluppa s-sitwazzjoni fl-Ewropa. Kwalunkwe bidla se tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet tas-saħħa mill-ECDC u mid-WHO.